# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 37 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 6 ta' Jannar, 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 37 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 6 ta' Jannar 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni tal-aħħar sejħa għall-offerti
5. Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr
6. Proposta għat-tkabbir tal-bandli fi' Ġnien Skorba
7. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Clayton Gauci u Elizabeth Ebejer, kif ukoll l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

## 1 Minuti

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li il-perit tal-Kunsill fuq il-proġett ta' Triq ta' Għajn tuffieħa kienet infurmat lill-Heritage Malta li ix-xogħol kien tlesta. Is-sinku talab sabiex kopja ta' din il-korrispondenza tinżamm fil-filing tal-Kunsill.

3.3 Ġie diskuss il-fatt li l-Ambaxxattriċi taż-Żgħażagħ fuq il-Kunsill, is-Sinjorina Sarah Chetcuti kiene verbalmnet infurmat li ma kienitx ser tkompli tokkupa din il-kariga minħabba raġunijiet personali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lid-DLG, filwaqt li l-Kunsill għandu jibda' jaħseb biex jipproponi sostitut/a.

3.4 Is-Sindku informa li kien hemm beda' proġett ta' titndif ta' Għajn ta' l-ilma f' Is-Santi.

3.5 Is-Sindku semma' li kien ġie avviċinat sabiex isiru linji għall-parkeġġ quddiem il-knisja ta' Santa Anna, fiż-Żebbiegħ. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.6 Is-Sindku semma' li peress li kien qed jinġabar ħafna ħmieġ fi' Triq il-Plejju kantuniera ma' Triql-Ispiga, kien qed jipproponi sabiex din il-parti tat-triq titnaddaf u tissebbaħ bi' pjanti u fjuri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 4. Evalwazzjoni tal-aħħar sejħa għall-offerti

4.1 *TENDER MGR 2015/08 - Installazzjoni ta' Turf Artifiċjali fil-Post ta' Rikreazjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr :* Għal din is-sejħa, il-Kunsill irċieva offerta waħda biss, mingħand Projekte Global Limited. Waqt is-Seduta tressaq ir-rapport tal-perit dwar din l-offerta li ikkonkluda li l-offerta hija skond it-talba tas-sejħa. Għalhekk, il-Kunsill aċċetta din l-offerta, iżda mhux ser iwettaqha immedjatament minħabba kwistjonijiet ta' natura finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lill-offerent b' dan u li dan il-proġett isseħħ meta il-Kunsill iħoss li hu ż-żmien opportun.

4.2 *TENDER MGR 2015/09 - Servizz ta' Ko-Ordinatur tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropeja :* Għal din is-sejħa, il-Kunsill iċieva żewġ offerti : mingħand Nexia BT u mingħand MS-Three Ltd. Waqt is-seduta tressaq ir-rapport tal-bord tal-għażla li indika li kellha tiġi aċċettata l-offerta ta' MS-Three, irrappreżentati mis-Sur

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

George Papagiorcopulo. Il-Kunsill approva din l-għażla u ser tissejjaħ laqgħa mas-Sur Papagiorcopolo biex titfassal strateġija.

4.4 *KWOTAZZJONI 2015/K03 - Manutenzjoni tal-aperturi tal-Injam fil-Librerija Pubblika ta' l-Imġarr :* Għall-din is-sejħa, il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda, mingħand Armstrong Woodworks Ltd. Din l-offerta ġiet evalwata u aċċettata fis-seduta ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm il-ħsieb li ix-xogħol isir fl-ewwel ġimgħat ta' Frar.

## 5. Preparamenti għall-Ġieħ l-Imġarr

5.1 Għall-darb' oħra, il-Banda Imperial tal-Mellieħa ser tkun qed tieħu sehem f' dan l-avveniment annwali.

5.2 Ġie deċiż li l-kriterji tan-nominazzjonijiet kienu ser jibqgħu kif inhuma.

5.4 Is-Sindku u Mario Sammut kien ser jkellmu lis-Surmast u lil Mary Cauchi tal-Kor 'Regina Caeli' biex jagħmlu l-arranġamenti neċċessarji.

5.5 Is-Sindku informa li kienet ser issir quddiesa fl-10:30am dak in-nhar tal-avveniment.

5.6 Is-Sindku kiene ser ikellem lill-kap tal-iskola għall-użu tas-Sala.

5.7 In-nominazzjonijiet kienu ser jintlaqgħ sat-Tlieta 26 ta' Jannar 2016.

## 6. Proposta għat-tkabbir tal-Bandli ta' Ġnien Skorba

6.1 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jikkonsidra alterazzjonijiet fil-ġnien u l-bandli ta' Ġnien Skorba. Dan peress li il-bandli li hemm attwalment qed jinħassu żgħar u għalhekk il-ħsieb hu li jitnaqqas biċċa mil-ġnien fejn hemm bankijiet u jitkabbar il-post tal-bandli. Fl-istess ħin, tissolva il-problema li qed tinħoloq fl-istruttura tal-lattrina bis-siġar.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jinbeda' dan il-proċess.

## 7. Affarijiet Mixxellanji

7.1 Saret diskussjoniji twila dwar l-ilmenti tar-resident dwar it-tibdil fir-rottot tat-trasport pubbliku. L-ilmenti dejjem qed jiżdiedu u għalkemm il-Kunsill għaddihom kollha lill-Transport Malta, il-Kunsill s' issa qatt ma kellu risposti

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

lura. Il-Kunsill ħass li għandu jitlob laqgħa mal-Malta Public Transport sabiex jgħaddi l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti u tinstab soluzzjoni. Ġie propost ukoll li :

- rotta 225 : terġa tibda' tidħol l-Imġarr;
- rotta 38 : uħud mil-vjaġġi jibqgħu sejrin sal-Belt;
- rotta 101 : tinżel il-Ġnejna;
- karozzi tal-linja ma jistennewx ħdejn l-iskola imma fi' Triq Sir Harry Luke.

7.2 Punt ieħor diskuss kien l-inawgurazzjoni tal-Heritage Trail fil-31 ta' Jannar mis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg. Il-ħsieb hu li dan isir ħdejn il-banjijiet rumani u ser inkellmu lill-Heritage Malta biex naraw jekk nistgħux nużaw il-kamra li għandhom huma hemmhekk. Ser isiru it-tabelli kommemorattivi għall-dan l-avveniment. Eman Vella ser iħejji preżentazzjoni viżiva li fiha tintegra wkoll informazzjoni dwar il-proġett u s-siti in kwistjoni.

7.3 Is-sindku ppropona li ssir kurduna u filata minħabba il-ħmieġ biex ma jaqax fuq il-bankina il-ġdida fi' Triq Għajn Tiffieħa. Il-Kunsill qabel.

7.4 Ġiet diskuss il-proposta tat-tagħlim tal-I.C.T. min-naħa tat-TCTC għas-sena 2016. Il-Kunsill qabel u approva dawn is-sensiela ta' korsijiet.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016 fil-5:00pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku